



Dokument ta' sessjoni

B9-0393/2022

12.9.2022

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara d-dikjarazzjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni

skont l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-konsegwenzi tan-nixfiet, tan-nirien u ta' fenomeni meteoroloġiċi estremi oħra: żieda tal-isforzi tal-UE fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima (2022/2829(RSP))

Benoît Biteau
f'isem il-Grupp Verts/ALE

B9-0393/2022

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-konsegwenzi tan-nixfiet, tan-nirien u ta' fenomeni meteoroloġiċi estremi oħra: żieda tal-isforzi tal-UE fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima
(2022/2829(RSP))**

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali tal-2021 dwar in-Nixfa fil-qafas tar-Rapport ta' Valutazzjoni Globali dwar it-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri (GAR) mill-Uffiċċju tan-NU għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri,
- wara li kkunsidra l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tan-NU li ġew miftiehma fl-2015, b'mod partikolari SDG 15,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU għall-Ġlieda kontra d-Deżertifikazzjoni (UNCCD),
- wara li kkunsidra l-Global Wetland Outlook tal-2021 ippubblikata mill-Konvenzjoni ta' Ramsar dwar l-Konvenzjoni dwar l-Artijiet Mistagħdra ta' Importanza Internazzjonali Speċjalment bħala l-Ħabitat għall-Għasafar tal-Ilma,
- wara li kkunsidra r-rapport taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni intitolat "Drought in Europe - August 2022" (In-Nixfa fl-Ewropa - Awwissu 2022),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Lulju 2021 bit-titolu "L-Istrateġija l-ġdida tal-UE għall-Foresti għall-2030" (COM(2020)0572),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Mejju 2020 bit-titolu "Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 – Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjita" (COM(2020)0380),
- wara li kkunsidra l-valutazzjoni globali tal-Pjattaforma Intergovernattiva tal-Politika tax-Xjenza dwar il-Bijodiversità u s-servizzi Ekosistemiċi tal-2019 dwar il-bijodiversità u s-servizzi tal-ekosistema,
- wara li kkunsidra l-Karta Ewropea dwar ir-Riżorsi tal-Ilma,
- wara li kkunsidra r-raba' kapitolu tar-rapport tal-Grupp Internazzjonali dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC) dwar l-Idroloġija u r-Riżorsi tal-Ilma,
- wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU tat-28 ta' Lulju 2010 dwar id-dritt tal-bniedem għall-ilma u l-infrastruttura sanitarja,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Settembru 2015 dwar is-segwitu għall-

Inizjattiva taç-Ċittadini Ewropej "Right2Water"¹,

- wara li kkunsidra r-rapport tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) Nru 17/2020 intitolat "Water and agriculture: Towards sustainable solutions" (L-ilma u l-agrikoltura: lejn soluzzjonijiet sostenibbli),
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Istitut Dinji tar-Riżorsi tal-21 ta' Jannar 2020 intitolat "Achieving Abundance: Understanding the Cost of a Sustainable Water Future" (Kisba tal-abbundanza: nifhmu l-ispiża ta' futur idriku sostenibbli),
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-EEA tal-14 ta' Ottubru 2021 intitolat "Water resources across Europe — confronting water stress: an updated assessment", (Ir-riżorsi tal-ilma madwar l-Ewropa — niffaċċjaw l-istress idriku: valutazzjoni aġġornata),
 - wara li kkunsidra l-Kontroll tal-Idoneità tal-2019 għad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma², id-Direttiva dwar l-Ilma ta' Taħt l-Art³, id-Direttiva dwar l-Istandards tal-Kwalità Ambjentali⁴ u d-Direttiva dwar l-Għargħar⁵,
 - wara li kkunsidra r-rapporti ta' valutazzjoni u r-rapporti speċjali tal-IPCC,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi 64 % tal-Ewropa tinsab taħt twissija ta' nixfa u 17 % fuq allert ta' nixfa; billi d-data preliminari tissuġġerixxi li n-nixfa attwali hija l-aġħar li qatt kienet minn 500 sena 'l hawn; billi t-temperatura medja madwar l-Ewropa fl-2022 kienet l-ogħla rekord kemm f'Awwissu kif ukoll fil-perjodu Ġunju-Awwissu⁶; billi huwa mbassar li l-kundizzjonijiet aktar xotti min-normal se jippersistu fix-xhur li ġejjin f'partijiet kbar tal-Ewropa, u billi l-mewġiet tas-sħana u n-nixfa jirrinforzaw lil xulxin;
- B. billi t-tibdil fil-klima diġà qed ikollu effetti drammatiċi fuq l-ekosistemi u l-popolazzjonijiet tal-bniedem; billi skont l-IPCC, il-kontinent Ewropew qed jisħon b'rata aktar mgħaġġla minn partijiet oħra tad-dinja, b'żieda fit-temperatura ta' 2 °C fl-2019 meta mqabbla mal-era preindustrijali, filwaqt li ż-żieda fit-temperatura medja globali kienet ta' 1.1 °C; billi n-nixfa rekord ta' din is-sena hija l-aħħar minn sensiela ta' avvenimenti estremi tat-temp li qed isiru n-normalità l-ġdida u li qed jiżdiedu fin-numru u fil-kobor; billi, hekk kif iċ-ċiklu tal-ilma qed jintensifika bit-tibdil fil-klima, se jkun hemm nixfiet, maltempati u għargħar aktar frekwenti u intensi;
- C. billi l-Istitut Dinji tar-Riżorsi sab li sitt pajjiżi tal-UE (Ċipru, il-Belġju, il-Greċja, Spanja, il-Portugall u l-Italja) jiffaċċjaw livelli għoljin ta' stress idriku, u jbbassar li sal-

¹ ĠU C 316, 22.9.2017, p. 99.

² Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1).

³ Id-Direttiva 2006/118/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar il-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art kontra t-tniġġis u d-deterjorament (ĠU L 372, 27.12.2006, p. 19);

⁴ Id-Direttiva 2008/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards ta' kwalità ambjentali fil-qasam tal-politika tal-ilma, (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 84).

⁵ Id-Direttiva 2007/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar il-valutazzjoni u l-immaniġġjar tar-riskji tal-għargħar (ĠU L 288, 6.11.2007, p. 27).

⁶ <https://climate.copernicus.eu/surface-air-temperature-august-2022>

2030 se jkun hemm distakk ta' 56 % bejn id-domanda u l-provvista globali tal-ilma rinnovabbli⁷; billi l-EEA tistma li l-istress fuq l-ilma diġà jaffettwa 20 % tat-territorju Ewropew u 30 % tal-popolazzjoni tiegħu, u jistma li l-ispiża tan-nixfiet fl-Ewropa hija bejn EUR 2 biljun u EUR 9 biljun fis-sena⁸;

- D. billi t-tibdil fil-klima biddel ix-xejriet tar-riħ u tat-temp tal-Ewropa b'tali mod li s-sistemi ta' pressjoni għolja jippersistu, u dan irriżulta f'perjodi twal bi ftit jew xejn xita, u wassal għal staġuni tat-tkabbir tal-għelejjel li huma aktar xotti; billi t-tira tikkontribwixxi għar-riformiment tal-ilma ta' taħt l-art, l-istruttura tal-ħamrija u l-bijota, it-temperaturi tal-ħamrija, u n-nuqqasijiet tal-ilma jwasslu għall-erożjoni tal-ħamrija u jnaqqsu l-produzzjoni tal-għelejjel fost l-oħrajn; billi l-anomaliji tat-tira għadhom ferm negattivi fil-biċċa l-kbira tal-Ewropa minħabba n-nuqqas ta' xita u l-mewġiet ta' sħana li seħħew f'dawn l-aħħar xhur, meta mqabbla ma' Ġunju 2022;
- E. billi l-previżjonijiet tar-rendiment tal-UE għall-qamħirrum, il-fażola tas-sojja u l-fjuri tal-ġirasol huma l-aktar milquta, bi tnaqqis - meta mqabbel mal-medja għal dawn l-aħħar ħames snin - li huwa stmat għal rispettivament, -16 %, -15 %, -12 %; billi għelejjel oħra x'aktarx li jiġu affettwati ħafna, speċjalment l-għalf; billi s-severità tal-impatti tan-nixfiet u tal-mewġ tas-sħana fuq il-produzzjoni agrikola bejn wieħed u ieħor ittripplat matul dawn l-aħħar 50 sena⁹; billi dawn il-livelli ta' produzzjoni aktar baxxi huma ta' tħassib partikolari minħabba l-konsegwenzi tal-kunflitt li għaddej fl-Ukrajna fuq is-suq tal-ikel u tal-għalf;
- F. billi skont l-aħħar Atlas Dinji ta' Deżertifikazzjoni aktar minn 75 % tal-erja tal-art tad-Dinja diġà hija degradata u aktar minn 90 % tista' tiddegrada sal-2050; billi fil-livell tal-UE d-deżertifikazzjoni taffettwa 8 % tat-territorju, l-aktar fl-Ewropa tan-Nofsinhar, tal-Lvant u Ċentrali u tkopri 14-il miljun ettaru; billi 13-il Stat Membru ddikjaraw lilhom infushom affettwati mid-deżertifikazzjoni kif definita mill-UNCCD; billi d-deżertifikazzjoni hija xprunata fost l-oħrajn mill-erożjoni tal-ħamrija, ir-ragħa żejjed u t-telf tal-kopertura tal-veġetazzjoni speċjalment is-siġar, is-salinizzazzjoni, it-telf tal-materja organika tal-ħamrija u l-bijota u d-degradazzjoni tal-bijodiversità; billi fl-2015, l-UE u l-Istati Membri impenjaw ruħhom li jiksibu n-newtralità fir-rigward tad-degradazzjoni tal-art fl-UE sal-2030;
- G. billi d-Direttiva Qafas dwar l-Ilma (WFD) tiddikjara fl-Artikolu 4(b)(ii) li "l-Istati Membri jridu jipproteġu, jiżviluppaw u jsaħħu l-korpi kollha tal-ilma ta' taħt l-art, jiżguraw bilanċ bejn estrazzjoni u charge mill-ġdid tal-ilma ta' taħt l-art, bil-mira għal ksib ta' stat tajjeb ta' l-ilma ta' taħt l-art mhux aktar tard minn 15-il sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva"; billi 22 sena wara, 40 % biss tal-lagi, l-estwarji, ix-xmajjar u l-ilmijiet kostali mmonitorjati jikkwalifikaw għall-istatus ekoloġiku "tajjeb" jew "tajjeb ħafna" meħtieġ mid-WFD; billi l-kontroll tal-idoneità skont id-Direttiva

⁷ L-Istitut Dinji tar-Riżorsi, "Achieving abundance: understanding the cost of a sustainable water future" (Kisba tal-abbundanza: nifhmu l-ispiża ta' futur idriku sostenibbli), 21 ta' Jannar 2020.

⁸ L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, "Water resources across Europe — confronting water stress: an updated assessment", (Ir-riżorsi tal-ilma madwar l-Ewropa — niffaċċjaw l-istress idriku: valutazzjoni aġġornata), 14 ta' Ottubru 2021.

⁹ Mekonen, Zelalem A. et al, "Wildfire exacerbates high-latitude soil carbon losses from climate warming", *Environment Research Letters*, (Nirien fil-foresti jiggravaw it-telf tal-karbonju fil-ħamrija b'latitudni għolja kkawżat mit-tisħin tal-klima", Ittri ta' Riċerka Ambjentali), Vol. 17, Nru 9, Settembru 2022.

wera li kważi 50 % tal-korpi tal-ilma huma koperti minn eżenzjoni, li mhuwiex stat sodisfaċenti;

- H. billi l-ilma huwa komponent essenzjali fiċ-ċiklu tal-ikel; billi huwa neċessarju li l-ilmijiet ta' taħt l-art u tal-wiċċ ikunu ta' kwalità tajba u disponibbli fi kwantitajiet suffiċjenti biex tinkiseb sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa, sostenibbli u li ma tagħmilx ħsara lill-ambjent kif deskritta fl-istrateġija mill-Għalqa sal-Platt; billi ilma nadif u suffiċjenti huwa essenzjali għall-implimentazzjoni u l-kisba ta' ekonomija ċirkolari reali fl-UE; billi r-Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-Politika Agrikola Komuni (PAK)¹⁰ jistabbilixxi l-oġġettiv li jitrawwem l-iżvilupp sostenibbli u l-ġestjoni effiċjenti tar-riżorsi naturali bħall-ilma, il-ħamrija u l-arja, inkluż billi titnaqqas id-dipendenza fuq is-sustanzi kimiċi;
- I. billi l-agrikoltura tiddependi fuq id-disponibbiltà tal-ilma; billi l-irrigazzjoni tgħin biex tipproteġi lill-bdiewa mill-varjabbiltà tal-klima u żżid ir-rendimenti, iżda tpoġġi wkoll pressjoni sinifikanti fuq ir-riżorsi tal-ilma; billi skont l-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agricoltura tan-NU (FAO) ma hemm l-ebda eżempju ddokumentat ta' ffrankar sostanzjali tal-ilma minn għelejjet tal-għelieqi wara l-introduzzjoni ta' irrigazzjoni b'teknoloġija avvanzata, filwaqt li, għall-kuntrarju, l-investiment f'teknoloġija mtejbja ta' irrigazzjoni ġeneralment iwassal għal żieda fil-konsum tal-ilma¹¹; billi fl-2016 6 % biss tal-art agrikola tal-UE ġiet irrigata iżda dan ammonta għal 24 % tal-astrazzjoni tal-ilma kollha tal-UE; billi skont ir-rapport speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) dwar l-użu sostenibbli tal-ilma fl-agrikoltura, l-implimentazzjoni tal-PAK ma ġietx allinjata b'mod konsistenti mal-politika tal-UE dwar l-ilma, u n-nuqqas ta' titjib f'dan il-qasam jista' jwassal għal żieda fil-perssjoni fuq ir-riżorsi tal-ilma;
- J. billi l-astrazzjoni tal-ilma minn ilma miftuħ u ilma ta' taħt l-art għax-xorb, l-industrija u l-agrikoltura, aggravata b'temperaturi estremament għoljin u nuqqas ta' xita, tfigher aktar konċentrazzjonijiet ta' sustanzi niġġiesa u nutrijenti u b'hekk inċidenzi ta' proliferazzjoni ta' algi u patoġeni tossiċi, kif esperjenzat fis-sistemi tax-xmajjar, l-estwarji u l-korpi tal-ilma tal-Ewropa, li jirriżultaw f'imwiet tal-massa tal-ilma heġu u l-qtil tal-ħut u l-kollass tas-sajd u l-għejbien ta' għajxien; billi t-temperaturi għoljin tal-ilma jnaqqsu wkoll il-kontenut tal-ossiġenu b'impatti drammatiċi fuq il-ħut; billi t-tnaqqis tal-fluss tax-xmajjar flimkien mat-tħammil, jirrilaxxa tossini kkonċentrati li akkumulaw fis-sedimenti, b'riperkussjonijiet sinifikanti fuq il-ħajja akkwatika u s-sajd downstream;
- K. billi 60 % tal-baċini tax-xmajjar jinsabu f'reġjuni transnazzjonali, li jrendi kruċjali l-kooperazzjoni transfruntiera effettiva; billi 20 pajjiż Ewropew jiddependu minn pajjiżi oħra għal aktar minn 10 % tar-riżorsi tal-ilma tagħhom, u 75 % tar-riżorsi ta' ħames pajjiżi jaslu għandhom minn barra l-pajjiż permezz tax-xmajjar¹²; billi nuqqas ta' konformità mad-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban MORMI fir-reġjuni tal-fruntiera jikkawża deterjorament tal-korpi tal-ilma transfruntiera, li jagħmilha

¹⁰ Ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jitfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 1).

¹¹ <https://www.fao.org/3/I7090EN/i7090en.pdf>

¹² <https://iwaponline.com/wp/article/21/3/496/66362/Transboundary-water-governance-in-the-European>

impossibbli li jintlaħqu l-għanijiet tad-WFD fl-Istat Membru riċevitur; billi filwaqt li l-WFD semmiet "ekoreġjuni rilevanti", fil-prattika l-kooperazzjoni dwar l-ilma hija dgħajfa; billi minħabba l-iskarsezza tar-riżorsi, il-kumplessità idropolitika tal-baċiri kondiviżi hija mistennija li tiżdied; billi l-iskarsezza tal-ilma u r-regoli tal-allokkazzjoni skont il-leġislazzjoni Ewropea dwar l-ilma x'aktarx li ssir nuqqas kritiku; billi, globalment, il-kooperazzjoni transfruntiera fil-qasam tal-ilma hija meħtieġa biex tipprovdri kondivizzjoni tal-benefiċċji ekwa, tevita l-kunflitti, trawwem ir-rabta bejn l-ekosistema tal-enerġija u l-ilma, tissalvagwardja l-ġestjoni sostenibbli tal-ilma u l-protezzjoni tal-ekosistemi;

- L. billi r-riżorsi tal-ilma rinnovabbli *per capita* naqsu bi 17 % fl-Unjoni Ewropea matul dawn l-aħħar 60 sena; billi diversi pajjiżi tal-UE bħall-Italja, Franza u Spanja, kellhom jirrazzjonaw l-ilma tax-xorb f'dawn l-aħħar xhur minħabba n-nixfa, fejn, pereżempju, aktar minn 100 municiplità fi Franza bħalissa qed ikollhom jiddependu fuq l-ilma tax-xorb ikkonsenjat mit-trakkijiet; billi t-tnixxijiet tal-ilma jammontaw għal 24 % tal-ilma totali kkunsmat fl-Unjoni;
- M. billi l-flussi annwali tax-xmajjar qed jonqsu fin-Nofsinhar u fix-Xlokk tal-Ewropa u qed jiżdiedu fit-Tramuntana u fil-Grigal tal-Ewropa; billi l-ġenerazzjoni tal-enerġija idroelettrika u s-sistemi tat-tkessiħ tal-impjanti tal-enerġija qed jiġu affettwati b'mod sever; billi l-proġett ta' Adaptive Management of Barriers in European Rivers (AMBER) (Ġestjoni Adattiva tal-Ostakli fix-Xmajjar Ewropej) wera li x-xmajjar tal-Ewropa huma mblukkati b'aktar minn miljun ostaklu, li 85 % jew aktar minnhom huma strutturi żgħar f'kundizzjoni ħażina jew inattivi; billi l-ostakli kollha għandhom impatt fuq is-saħħa tax-xmajjar u ċ-ċiklu tal-ilma, u b'hekk ibiddu l-fluss naturali ta' xmara u jimblukkaw ir-rotot migratorji tal-ħut;
- N. billi l-volum imnaqqas tal-ilma maħżun kellu impatti negattivi fuq is-settur tal-enerġija kemm għall-ġenerazzjoni tal-enerġija idroelettrika kif ukoll għas-sistemi tat-tkessiħ ta' impjanti oħra tal-enerġija; billi n-nixfa ta' dan is-sajf aggravat il-pressjonijiet severi fis-suq tal-enerġija li l-Ewropa qed tesperjenza;
- O. billi l-produzzjoni tal-enerġija nukleari tiddependi mir-riżorsi tal-ilma; billi ħafna impjanti tal-enerġija nukleari kellhom inaqqsu r-ritmu tal-attività tagħhom matul is-sajf minħabba nixfa, u b'hekk żdiedu r-riskji għas-sikurezza; billi biex tinżamm il-produzzjoni tal-enerġija, ħames impjanti nukleari Franċiżi ngħataw derogi għan-normi ambjentali li jirregolaw it-temperatura tal-ilma rilaxxat fl-ambjent¹³; billi dan jista' jwassal għal aktar impatti fuq l-ekosistemi akkwatiċi diġà affettwati mill-mewġiet tas-sħana;
- P. billi l-ħtiġijiet dejjem jikbru tal-ilma tal-attivitajiet industrijali jikkompetu mal-irrigazzjoni agrikola u joħolqu tensjonijiet fiż-żoni rurali;
- Q. billi ħafna attivitajiet turistiċi huma dipendenti fuq ix-xmajjar u n-nuqqas ta' ilma bħalissa jaffettwa 17 % tat-territorju tal-UE, filwaqt li s-sitwazzjoni hija aktar inkwetanti madwar il-Mediterran fejn madwar 50 % tal-popolazzjoni tgħix taħt stress idriku kostanti matul is-sajf, u ħafna attrazzjonijiet turistiċi kellhom jissospendu l-

¹³ <https://www.legifrance.gouv.fr/jorf/id/JORFTEXT000046150840>

attivitatiet kummerċjali tagħhom minħabba n-nixfa;

- R. billi n-nuqqas ta' xita u l-irtirar massiv tal-ilma għall-irrigazzjoni kellhom impatt fuq it-trasport fuq ix-xmajjar, u ġġeneraw diffikultajiet fil-provvista ta' materjali tqal, b'mod partikolari fil-wied tar-Renu, li qed ikollu impatt negattiv fuq ħafna setturi ta' attivit;
- S. billi d-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti fil-baċiri tal-iskular jipperikolaw id-disponibbilt tal-ilma; billi l-foresti huma dejjem aktar vulnerabbli għall-impatti tat-tibdil fil-klima, b'mod partikolari permezz ta' prevalenza dejjem tiżdied tan-nirien fil-foresti; billi snin ta' nixfa u degradazzjoni ħolqu kundizzjonijiet ideali biex jinfirxu n-nirien fil-foresti; billi l-Ewropa qed tesperjenza nirien fil-foresti ta' proporzjonijiet drammatiċi;
- T. billi aktar minn 5 miljun ettaru ta' foresta nħarqu fl-10 snin bejn l-2011 u l-2021, primarjament minħabba n-nixfiet; billi n-nirien fil-foresti ddikjarati bejn l-4 ta' Ġunju u t-3 ta' Settembru akkumulaw erja totali maħruqa ta' 508 260 ettaru¹⁴ u l-kapaċit tal-Unjoni li tiġġieled in-nirien fil-foresti laħqet il-quċċata tagħha;
- U. billi foresti stabbli u mħallta ta' siġar ta' etajiet u speċi varji u b'kopertura kontinwa jipprovdu ħafna kobenefiċċji, b'mod partikolari l-mitigazzjoni tan-nixfa u tas-sħana; billi s-sistemi tal-agroforestrija u s-siġar inkorporati fl-agroekosistemi jipprovdu wkoll ħafna benefiċċji, inklużi l-produttivit u r-reżiljenza;
- V. billi n-Nazzjonijiet Uniti tistma li 35 % tal-artijiet mistagħdra globalment għebu mill-1970, b'rata tliet darbiet aktar mgħaġġla mill-foresti naturali, minkejja li pprovdew ħafna benefiċċji; billi l-artijiet mistagħdra kostali bħall-mangrovji jissekwestraw il-karbonju sa 55 darba aktar malajr mill-foresti tropikali tax-xita, filwaqt li t-torbieri, li jkopru biss 3 % tas-superfiċje tal-art tad-dinja, jistgħu jaħżnu 30 % tal-karbonju kollu bbażat fuq l-art biss meta jkunu mxarrba, u jassorbu l-ilma żejjed biex jipprevjenu l-għargħar u n-nixfa; billi skont il-Kummissjoni, fl-UE ntilfu madwar żewġ terzi tal-artijiet mistagħdra tal-UE li kienu jeżistu 100 sena ilu;
- W. billi l-Assemblea Ġenerali tan-NU rrikonoxxiet id-dritt għall-ilma u s-sanit bħala dritt tal-bniedem fit-28 ta' Lulju 2010; billi l-ilma tax-xorb huwa essenzjali għall-eżerċizzju tad-drittijiet tal-bniedem kollha; billi fl-2013 1 884 790 ċittadin iffirmaw l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej (ECI) intitolata "Right2Water" dwar id-dritt għall-ilma u s-sanit; billi bħalissa miljun ċittadin tal-UE ma għandhomx aċċess għall-ilma u 8 miljuni ma għandhomx sanit;
- X. billi n-nixfa qed taggrava l-kundizzjonijiet tal-ġhajxien tan-nies minħabba s-sħana u n-nuqqas ta' ilma; billi l-persuni l-aktar fil-bżonn qed jiġu affettwati b'mod sproporzjonat; billi hemm rata ta' mortalit eċċessiva fil-pajjiżi Ewropej l-aktar milquta min-nixfa; billi l-aċċess għall-akkomodazzjoni adegwata huwa dritt fundamentali; billi n-nixfa tikkawża xquq fil-binjiet l-aktar fraġli, u b'riżultat il-kwalit tal-ħajja tal-abitanti tiddeterjora; billi n-nixfa taffettwa wkoll is-saħħa mentali u taggrava l-ansjet ekoloġika, speċjalment fost iż-żgħażaġh; billi temperaturi għoljin jikkoinċidu wkoll maż-żieda fir-rati ta' suwiċidju; billi l-irġiel u n-nisa huma affettwati b'mod differenti mit-tibdil fil-klima; billi n-nisa

¹⁴ <https://atmosphere.copernicus.eu/europes-summer-wildfire-emissions-highest-15-years>

jistgħu jkunu aktar vulnerabbli għal temperaturi estremi, speċjalment dawk li jappartjenu għall-gruppi tal-aktar età avvanzata;

- Y. billi n-nixfa, in-nirien, it-temperaturi ambjentali estremi u fenomeni estremi oħra tat-temp għandhom ukoll impatti dejjem akbar fuq is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali u jħallu impatt dejjem akbar fuq il-ħaddiema, b'mod partikolari l-ħaddiema fl-industriji tal-agrikoltura u tal-forestrija, fis-setturi tal-bini u tas-saħħa, u l-ħaddiema tat-tifi tan-nar; billi s-sħana hija riskju kbir għas-saħħa tal-ħaddiema li jaħdmu fil-beraħ u tista' tikkawża deidratazzjoni, eżawrimenti tas-sħana u xemxati kif ukoll ħass ħażinijiet u fl-aktar ċirkostanzi estremi saħansitra attacchi tal-qalb; billi l-użu ta' tagħmir protettiv personali f'kundizzjonijiet ta' sħana estremi huwa partikolarment diffiċli; billi x-xejriet estremi tat-temp jaffettwaw ukoll is-saħħa mentali, u jikkawżaw disturbi bħal ansjetà, disturbi fil-burdata, stress u dipressjoni; billi l-imprevedibbiltà dejjem tikber ta' kundizzjonijiet estremi tat-temp u telf finanzjarju kkawżat minnhom se żżid ma' din il-pressjoni;
1. Ifakkar li f'konformità mal-Liġi tal-UE dwar il-Klima u t-testi leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi l-oħra dwar il-klima, l-Unjoni Ewropea għandha żżid l-azzjoni klimatika tagħha kemm dwar il-mitigazzjoni, biex trażżan it-tisħin globali taħt l-1.5 °C meta mqabbel mal-livelli preindustrijali, kif ukoll dwar l-adattament biex titrawwem ir-reżiljenza; jistieden lill-Kummissjoni taġġorna l-kontribut stabbilit fil-livell nazzjonali tal-UE skont il-Ftehim ta' Pariġi u żżid il-mira tagħha ta' tnaqqis tal-gassijiet serra għall-2030 għal 65 % meta mqabbla mal-livelli tal-1991 fis-27 sessjoni tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima (COP27) fl-Eġittu;
 2. Jilqa' l-abbozz tal-liġi tal-UE dwar ir-restawr tan-natura, li għandu jittejjeb aktar sabiex jipprovdi qafas għar-restawr ta' ekosistemi reżiljenti għan-nixfa, inkluż ir-restawr ta' foresti b'diversi etajiet u b'diversi speċijiet b'kopertura kontinwa, artijiet mistagħdra, kopertura ta' veġetazzjoni naturali, dinamika tal-pjanuri tal-għargħar, infiltrazzjoni naturali tal-pajsaġġ kollu u titjib tar-reżiljenza tal-baċiri tax-xmajjar;
 3. Jistieden lill-Kummissjoni tikkoordina l-iżvilupp ta' pjanijiet reġjonali jew nazzjonali komprensivi mis-sors sa l-użu aħħari tal-ilma, sabiex jiġu ttrattati t-tnixxija u l-infiltrazzjoni tal-ilma minħabba kwalità fqira jew infrastruttura miżmuma ħażin, inkluż fil-livell tal-baċin, urban u tar-razzett, u biex tiskambja l-aħjar; prattiċi għal dan il-għan;
 4. Jenfasizza r-rwol pożittiv li l-agroekoloġija u s-sistemi ta' produzzjoni organika għandhom fis-salvagwardja tal-kwantità u l-kwalità tal-ilma billi jżidu l-effiċjenza u ċ-ċirkolarità fl-użu tar-riżorsi, jtejbu r-reżiljenza tal-irziezet agrikoli billi jnaqqsu l-inputs u jiddiversifikaw il-produzzjoni u għalhekk iferrxu r-riskju, li huwa speċjalment importanti biex jiġi evitat it-telf totali tal-għelejjel; ifakkar li t-tħawwil ta' sisien tal-ħaxix u siġar, l-iżgurar tal-kopertura tal-ħamrija, l-evitar tar-ragħa eċċessiv, it-tnaqqis tal-kompattazzjoni u l-bini ta' livelli ta' materja organika tal-ħamrija u ta' humus huma utli għall-bdiewa;
 5. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-pjanijiet strateġiċi nazzjonali tal-PAK jiġu implimentati bl-għan li l-agrikoltura Ewropea ssir inqas dipendenti fuq l-irrigazzjoni u aktar reżiljenti għan-nixfa, filwaqt li b'mod ġenerali jitnaqqsu l-pressjonijiet idromorfoloġiċi, filwaqt li jitqiesu s-sejbiet tar-rapport speċjali tal-QEA dwar l-użu

sostenibbli tal-ilma fl-agrikoltura;

6. Jissottolinja l-ħtieġa għal sistemi ta' irrigazzjoni agrikoli aktar effiċjenti u mmirati u għal kalibrazzjoni ġenerali mill-ġdid tal-ħtiġijiet tal-irrigazzjoni; jitlob li l-investimenti fl-irrigazzjoni jiġu appoġġjati biss jekk iwasslu għal tnaqqis nett fl-ilma użat għall-irrigazzjoni fiż-żona ta' qbid tagħhom; jissottolinja li l-investment fir-restawr tal-ekosistema u fil-metodi ta' produzzjoni li jagħmlu t-tranżitu għall-agroekoloġija għandu jingħata prijorità;
7. Jissottolinja l-importanza tal-kwalità tal-ħamrija għaż-żamma u l-filtrazzjoni tal-ilma; jistieden lill-Kummissjoni tagħmel iż-żamma tal-ilma u l-kapaċità tat-tindif kif ukoll it-tira pilastru ewlieni tal-abbozz tal-liġi tal-UE dwar is-saħħa tal-ħamrija li se jiġi ppubblikat fl-2023;
8. Jitlob li objettiv vinkolanti tal-UE dwar in-newtralità fir-rigward tad-degradazzjoni tal-art fl-UE sal-2030 f'konformità mar-rapport speċjali tal-QEA dwar id-deżertifikazzjoni, peress li l-impenn tal-2015 mill-UE u l-Istati Membri ma rnexxilux imexxi lill-UE lejn it-triq it-tajba biex tindirizza din il-kwistjoni;
9. Jenfasizza l-ħtieġa li jitħaffef it-tnaqqis tal-kontaminazzjoni tal-ilma ta' taħt l-art u tal-ilma tal-wiċċ, b'mod partikolari min-nitrati u l-pestiċidi;
10. Jissottolinja li globalment il-"meganirien" qed jiżdiedu fl-intensità u fil-frekwenza; jinsab imħasseb dwar l-espansjoni prevista ta' żoni suxxettibbli għan-nirien u staġuni itwal b'riskju għoli ta' nirien fil-biċċa l-kbira tar-reġjuni Ewropej, b'mod partikolari f'xenarji ta' emissjonijiet għoljin; ifakkar li pajsaġġ varjat b'foresti diversi jipprovdi murata jew barriera naturali akbar kontra nirien fil-foresti fuq skala kbira u inkontrollabbli; jenfasizza li r-restawr ta' foresti bijodiversi jippromwovi l-prevenzjoni u t-trażżin tan-nirien; jissottolinja l-ħtieġa għal aktar riżorsi u għall-iżvilupp ta' ġestjoni tan-nirien ibbażata fuq ix-xjenza u appoġġ għall-bini tal-kapaċità permezz ta' servizzi ta' konsulenza biex jiġu indirizzati l-effetti tat-tibdil fil-klima fil-foresti; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu aħjar u jagħmlu użu mill-kunċett tal-ġestjoni integrata tan-nirien u jinnota li dan jista' jirrikjedi kapaċità regolatorja aħjar fl-Istati Membri, it-tisħiħ tas-servizzi pubbliċi, u appoġġ iddedikat u kooperazzjoni akbar għall-prevenzjoni, it-tħejjija u r-rispons kontra d-diżastri; jenfasizza l-importanza li jiġi żviluppat aktar u li jsir użu sħiħ mill-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili għan-nirien fil-foresti u diżastri naturali oħra; jistieden lill-Kummissjoni tiġbor u xxerred l-għarfien fost l-Istati Membri dwar kif il-foresti jiġu adattati għat-tibdil fil-klima attwali u mistenni, f'konformità mal-istrateġija l-ġdida ta' adattament tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni toħloq valutazzjonijiet u mapep tar-riskju tan-nirien fil-foresti, abbażi ta' prodotti Copernicus imtejba, intelliġenza artifiċjali u data oħra ta' telerilevament, sabiex tappoġġa azzjoni preventiva; jenfasizza l-importanza li tingħata spinta lill-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili biex jiġu żgurati kapaċitajiet adegwati għat-tifi tan-nar fil-foresti fl-UE;
11. Jenfasizza li s-severità ta' xi diżastri naturali f'xi każijiet hija wkoll ir-riżultat ta' fatturi kkawżati mill-bniedem, inkluż ippjanar spazjali mhux xieraq li jwassal għall-bini ta' akkomodazzjoni u infrastruttura fil-pjanuri tal-għargħar tax-xmajjar jew f'territorji suxxettibbli għall-uqigħ tal-art; itenni, f'dan ir-rigward, li l-pagamenti tal-Fond ta'

Solidarjetà tal-UE għandhom jiffavorixxu reżiljenza u sostenibbiltà aktar b'saħħithom, bil-finanzjament ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq l-ekosistema (eż. ir-riforestazzjoni, ir-restawr tal-ħabitats, speċjalment ta' artijiet mistagħdra, u r-rikostruzzjoni reżistenti għat-terremoti);

12. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta strateġija komprensiva tal-UE dwar il-kwantità u l-allokkazzjoni tal-ilma, inkluża l-organizzazzjoni ta' konferenza Ewropea dwar l-ilma sabiex tiżviluppa malajr kriterji għal allokkazzjoni ġusta tal-ilma fil-baċiri tal-ilma bejn l-Istati Membri u tipproponi prijoritajiet ċari għal użi differenti għal nixfiet pluriennali; jitlob li din l-istrateġija tqis l-approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti", biex tagħti prijorità lill-użi għas-saħħa, ċivili u tax-xorb segwiti minn użi bijoloġiċi u ekosistemiċi u finalment minn użi ekonomiċi; jitlob li din l-istrateġija tinkludi wkoll mekkaniżmi għan-negożjar mill-ġdid tal-kwantitajiet tal-ilma miġbuda minn partijiet interessati differenti;
13. Jirrimarka li s-settur tal-enerġija huwa l-akbar konsumatur tal-ilma fl-Ewropa, u jammonta għal 44 % tal-konsum, u li s-settur tal-ilma nnifsu jikkonsma ammonti sostanzjali ta' enerġija għall-astrazzjoni, l-ippumpjar, it-tiħin, it-tkessiħ, it-tindif u d-desalinizzazzjoni tal-ilma; jenfasizza li effiċjenza mtejbja tal-ilma jista' jkollha impatt dirett fuq it-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija u t-tibdil fil-klima; jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja ż-żieda fl-isforzi tal-Istati Membri biex iżidu l-użu ta' tekniki tal-użu mill-ġdid tal-ilma, teknoloġiji u prattiki ta' irrigazzjoni li jiffrankaw l-ilma, teknoloġiji ekoloġiċi tas-soqfa, doċoċ u tojlits intelliġenti fis-settur tal-ilma, inklużi l-provvista, is-sanità u l-ġestjoni tal-ilma maħżun, u fiċ-ċikli u l-applikazzjonijiet industrijali, residenzjali u kummerċjali kollha tal-ilma; jitlob li tiġi emendata l-leġiżlazzjoni attwali biex jitħeġġeġ l-użu mill-ġdid tal-ilma fl-industriji li jużaw ħafna ilma filwaqt li jiġu rispettati l-kriterji ta' kwalità l-aktar stretti, kif ukoll fl-uffiċċji u fid-djar bl-użu mill-ġdid tal-ilma griż;
14. Jinnota ż-żieda f'daqqa ta' għelejjel enerġetiċi, bħal żerriegħa tal-kolza, żejt tal-palm, fażola tas-sojja, qamħ, qamħirrum, eċċ., li huma prodotti għall-bijodiżil u l-etanol, li jeħtieġu l-ilma għall-produzzjoni tagħhom u li fil-fatt qed jikkompetu mal-użu tal-ilma għall-għelejjel tal-ikel;
15. Jenfasizza li madwar l-Ewropa, ħafna nies jgħixu f'akkomodazzjoni antikwata u żdingata u f'kundizzjonijiet tal-għajxien xejn sodisfaċenti u dawn jagħmluhom aktar vulnerabbli għall-effetti tat-temp estrem; jitlob adozzjoni rapida ta' fond soċjali għall-klima ambizzjuż sabiex jiġu appoġġjati l-aktar gruppi żvantaġġati, b'mod partikolari biex tiżdied l-effiċjenza enerġetika tad-djar tagħhom, jiġu dekarbonizzati s-sistemi tat-tiħin u t-tkessiħ tagħhom, inkluż permezz tal-integrazzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, li tippermettilhom inaqqsu l-kontinjuet tal-enerġija tagħhom u jtejbju wkoll il-kwalità tal-ħajja tagħhom;
16. Jissottolinja l-importanza tal-prevenzjoni tal-finanzjalizzazzjoni tal-ilma sabiex jiġu żgurati aċċess ġust u ġestjoni tajba tar-riżorsi; jitlob projbizzjoni fuq il-kummerċ tal-ilma fil-boroż Ewropej; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkollaboraw mal-Istati Uniti biex jevitaw l-impatt fuq id-disponibbiltà tal-ilma Ewropew b'riżultat tal-kummerċ fl-ilma fil-borża Amerikana;

17. Jistieden lill-Kummissjoni żżomm lura milli tkompli tinkoraġġixxi l-privatizzazzjonijiet tas-servizzi tal-ilma, skont l-Artikolu 345 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, peress li s'issa għadu ma ntwera l-ebda vantaġġ u peress li din trawwem il-manipulazzjoni korporattiva; jistieden lill-Kummissjoni toħloq bażi tad-data li tippubblika l-istat tar-riżorsi u r-riżervi tal-ilma miżmuma minn individwi privati li jiġbru l-ilma fil-qafas ta' pjan ta' ġestjoni tal-ilma;
18. Ifakkar fl-obbligi tal-istati li jiżguraw id-dritt tal-bniedem għall-ilma tax-xorb, li jinvolvi, pereżempju, l-istabbiliment ta' mekkaniżmi ta' parteċipazzjoni, inkluża l-implimentazzjoni tal-Kunsens Liberu, Minn Qabel u Infurmat (FPIC) ta' Nies Indiġeni u Komunitajiet Lokali għal infrastruttura tal-enerġija fuq skala kbira (bħal digi) u industriji estrattivi, ir-rikonossiment sistematiku tad-drittijiet konswetudinarji għall-ilma tax-xorb u l-għoti ta' rimedji ġustizzjabbli (permezz ta' mekkaniżmu għall-ilmenti) f'każ ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem; jissottolinja, barra minn hekk, il-ħtieġa li ċ-ċittadini tal-UE jiġu involuti fil-ġestjoni tal-ilma;
19. Jenfasizza r-rwol tal-politika kummerċjali tal-UE fil-kisba tal-implimentazzjoni tad-dritt fundamentali tal-bniedem għall-ilma; jitlob, f'dan ir-rigward, li dispożizzjonijiet relatati mal-ilma jiġu inklużi fil-ftehimiet kummerċjali tal-UE bħala klawżoli li jitrattaw “elementi essenzjali”;
20. Ifakkar li s-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema hija kompetenza tal-UE u li f'konformità mad-Direttiva 89/391/KEE¹⁵, il-ħaddiema għandhom ikunu protetti minn kwalunkwe riskju, inkluż minn riskji emerġenti; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta bir-reqqa u b'urġenza r-riskji ġodda u emerġenti tat-tibdil fil-klima fuq is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali sabiex tiproteġi aħjar lill-ħaddiema minn esponiment għal temperaturi għoljin, radjazzjoni ultravjola naturali u perikli oħra relatati għas-sikurezza;
21. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

¹⁵ Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol, (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1).